



Brussell, 23 ta' April 2025

CM 2465/25

Fajls Interistituzzjonali:

2025/0047(NLE)

2025/0046(NLE)

2025/0043(NLE)

**PECHE
PROCED**

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: LIFE.fisheries@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.6083

Suġġett: 1) Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029)

- Awtorizzazzjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub
- Adozzjoni

2) Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029)

- Awtorizzazzjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub
- Qbil fil-prinċipju
- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

3) Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd previsti mill-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029)

- Awtorizzazzjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub
- Adozzjoni

- BIDU TAL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB

F'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, u minħabba l-urġenza u l-hteġa li jiġġeddu l-opportunitajiet tas-sajd skont dan il-ftehim, il-Presidenza ddeċidiet li tniedi proċedura bil-miktub għal:

- l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2025-2029);
- qbil fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Protokoll imsemmi hawn fuq, u l-qbil li jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu;
- l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll imsemmi hawn fuq.

Jekk jogħġbokom indikaw jekk:

1. Taqblux mal-użu tal-proċedura bil-miktub għall-approvazzjoni tal-atti legali msemmija hawn fuq (id-dokumenti 7375/25 + COR1, 7374/25 u 7387/25).

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA jew LE.

2. NAQBLU MA'

- l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, kif tinsab fid-dokument 7375/25 + COR1, u tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, kif jinsab fid-dokument 7387/25;
- qbil fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq dwar il-konklużjoni, kif tinsab fid-dokument 7374/25, u li tintbagħat, flimkien mat-test tal-protokoll (id-dokumenti 7042/25 + COR 1 + COR2 + COR3), lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

Jekk jogħġbokom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI fi tveġiba waħda li tkopri t-tliet atti legali.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tveġiba għall-mistoqsija.

It-tveġibiet għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sal-**25 ta' April 2025 fit-15:00**. Dawn għandhom jintbagħtu permezz tal-posta elettronika lil

LIFE.fisheries@consilium.europa.eu.
